# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 7 ta' Awwissu 2017**

**Numru 3**

**Rikors numru 241/2017**

**Fl-atti tal-kawża numru 5/2017**
**wara l-ħruġ tal-mandat ta' arrest**
**ta' bċejjeċ tal-baħar 'il fuq minn**
**għaxar metri numru 5/2017 fl-ismijiet:**

**Graziella Attard,**
***Agostino Padre Limited* (C60382) u**
***KGA Limited* (C72075)**

***v.***

**Khaled Barkat Zaky Ahmed Abdelrazek,**
**Amer Barakt Zaky Ahmed Abdelrazek**
**f'ismu proprju u f'isem is-soċjetà *REMA Trading Limited* (C69868)**

1. Il-qorti rat ir-rikors magħmul fis-6 ta' Ġunju 2017 mis-soċjetà *REMA Trading Limited* b'talba taħt l-art. 836(1) (*a*), (*b*), (*d*) u (*f*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex jitħassar mandat ta' arrest ta'

biċċa tal-baħar maħruġ fuq talba ta' Graziella Attard *et*, u għall-ħlas ta' penali taħt l-art. 836(8) (*b*) u/jew (*d*) tal-istess kodiċi;

2. Rat it-tweġiba ta' Graziella Attard *et* u l-atti relativi;

3. Għall-istess raġunijiet mogħtija fil-provvediment mogħti llum stess fl-atti tar-rikors 242/2017 fl-istess ismijiet il-qorti ma tqisx aktar ir-rikors. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom *REMA Trading Limited*.

Silvio Camilleri
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
mb